32001R1651

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1651/2001

ta' l-14 ta' Awissu 2001

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1274/91 li jintroduċi regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standards tal-*marketing* tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standardstal-*marketing* tal-bajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 5/2001 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 20(1) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 505/9 [4], jistabbilixxi d-disposizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-istandardstal-*marketing* fis-settur tal-bajd.

(2) Sabiex jiġu mtejba l-mod kif jiġi ntraċċjat il-bajd u l-eżattezza ta' l-indikazzjonijiet tad-*data* miċ-ċentri ta' l-ippakkjar, għandhom jiġu rinfurzati d-disposizzjonijiet sabiex jidentifikaw il-kunsinni tal-bajd mill-produtturi għaċ-ċentri ta' l-ippakkjar b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-indikazzjoni tad-data ta' l-għemil tal-bajd jew il-perjodu taż-żmien ta' l-għemil tal-bajd fuq il-kontenitur fil-post tal-produzzjoni kif ukoll għad-dispaċċ tal-bajd mhux iggradat bejn l-istazzjonijiet ta' l-imballaġġ.

(3) Fil-każ tas-sistemi li jaħdmu bl-awtomazzjoni li jdawlu l-bajd bix-xemgħa, huwa approprjat illi l-Istati Membri jiġu awtorizzati li jiddispensaw mill-ħtieġa li l-magna tiġi mħaddma bl-idejn mingħajr waqfien.

(4) Sabiex tiġi żgurata ż-żamma mal-gradi eżistenti tal-piż li jinkludu l-firxiet tar-rata tal-piż ta' 10 g, għandhom ikunu rrinfurzati r-regoli sabiex jiġi prevenut it-tqassim tal-gradi tal-piż f'żewġ strixxi li jużaw kuluri jew simboli differenti fuq il-pakketti bi struttura differenti tal-prezzijiet li jistgħu jimminaw il-*marketing* bl-ordni u t-tagħrif ċar lill-konsumaturi.

(5) L-esperjenza wriet illi mhux meħtieġ illi tiġi marbuta d-deroga li tippermetti l-kunsinna tal-bajd mhux ippakkjat fi kwantitajiet żgħar direttament mill-pakkjatur lill-bejjiegħ bl-imnut mad-distanza tal-kunsinna. L-obbligu li tiġi indikata d-data tal-gradazzjoni trid tinbidel bl-indikazzjoni tad-data li turi sakemm jibqa' tajjeb li hija d-data obbligatorja li trid tidher.

(6) Id-definizzjonijiet tad-data tat-tul minimu taż-zmien li fih jibqa' tajjeb u tad-data rakkomandata ta' sakemm għandu jinbigħ għandhom jiġu ċċarati u marbuta mal-limitu massimu taż-żmien ta' 21 jum wara l-għemil tal-bajd għall-kunsinna tal-bajd lill-konsumatur stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/371/KE ta' l-20 ta' Ġunju 1994 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa pubblika għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti tipi ta' bajd [5], li jimplika massimu ta' mhux aktar minn 28 jum wara l-għemil tal-bajd għad-data tat-tul taż-żmien li fih jibqa' tajjeb.

(7) Imsesja fuq l-esperjenza miksuba u wara l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1997 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ tal-bajd [6], għandhom jiġu adottati d-disposizzjonijiet iddettaljati li jirrigwardaw l-indikazzjoni bl-għażla tal-metodi varji tal-biedja bil-ħsieb li jitnaqqas in-numru ta' dawn il-metodi u sabiex jiddefinixxu mill-ġdid l-espressjonijiet li jistgħu jintużaw fl-ilsna differenti tal-Komunità b'mod partikolari fejn jinżammu t-tiġieġ f'batteriji ta' gaġeġ. Barra minn hekk, il-ħtiġiet minimi li jridu jintlaħqu mill-istabbilimenti tat-tjur rigward il-metodi varji tal-biedja għandhom jinġiebu f'linja mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 1999/74/KE għalkemm għandhom jiġu stabbiliti ċerti kriterja miżjuda għal bajd tat-tiġieġ imrobbija fil-berah sabiex jiġi pprevenut l-abbuż tal-mergħat fil-berah. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu pprovduti regoli iktar iddettaljati rigward iż-żamma tar-reġistri mill-operaturi sabiex itejbu l-monitorjar tal-moviment tal-prodott. Fl-aħħarnett għandhom jiġu estiżi l-indikazzjonijiet bl-għażla rigward il-metodi tal-biedja hekk li jinkludu l-bajd għall-ipproċessar sabiex jitmexxa 'l quddiem il-*marketing* tal-prodotti tal-bajd iffabbrikat minn bajd ta' tipi differenti u l-kontroll tagħhom.

(8) Rigward l-indikazzjoni mhux obbligatorja tal-bajd u l-pakketti tagħhom dwar kif jintgħalef it-tiġieġ tal-bajd, iridu jiġu stabbiliti regoli ddettaljati b'mod partikolari d-disposizzjonijiet li jippermettu illi jiġi mmonitorjat l-ammont tal-bajd prodott mit-tiġieġ li jintgħalef b'tip speċifiku ta' għalf. Dawn ir-regoli għandhom jipprovdu r-rati minimi għat-taħlit miegħu taċ-ċereali meta ssir referenza għall-użu tagħhom fl-għalf tat-tiġieġ tal-bajd u li għalihom l-Istati Membri jistgħu jiffissaw ħtiġiet iktar stretti li jkunu japplikaw biss għall-produtturi ta' l-Istat Membru interessat u li ma jimpedux l-iskambju tal-bajd fil-Komunità. Is-sorveljanza ta' dawn ir-regoli tista' tiġi ddelegata lill-korpi li huma indipendenti mill-produtturi u li għandhom ikunu mħollija li jkopru mill-ġdid l-ispejjeż tal-kontrolli minn għand l-operaturi li jagħmlu użu mill-indikazzjonijiet dwar kif jingħalef t-tiġieġ u dwar il-metodu tal-biedja minħabba l-karatteristiċi mhux obbligatorji ta' dawn l-indikazzjonijiet.

[1] ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5.
[2] ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 1.
[3] ĠU L 121, tas-16.5.1991, p. 11.
[4] ĠU L 63, ta' l-4.3.1998, p. 16.
[5] ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 34.
[6] ĠU L 203, tat-3.8.1999, p. 53.

(9) L-Artikolu 28 tar-Regolament (KEE) Nru 1274/97 jipprovdi illi fil-każ tal-bejgħ lill-aħħar konsumatur l-għamliet tal-kliem li jintużaw fuq il-bajd u fuq il-pakketti jridu jiġu espressi f'ilsien jew ilsna li jinftiehmu faċilment mix-xerrejja fl-Istat Membru li fih isir il-bejgħ bl-imnut. Din id-disposizzjoni għandha titħassar billi japplika l-Artikolu 16 ta' Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandom x'jaqsmu mat-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-prodotti ta' l-ikel [1].

(10) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KEE) Nru 1274/91 kif jixraq.

(11) Sabiex tiġi żgurata t-transizzjoni mingħajr tfixkil għas-sistema l-ġdida, ir-regoli li kienu japplikaw qabel l-1 ta' Lulju 2001 dwar l-indikazzjonijiet ta' kif it-tiġieġ jingħalef għandhom jissoktaw fis-seħħ sad-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għas-sistemi l-oħra alternattivi tal-produzzjoni mibnija ġodda jew mibnija mill-ġdid, għandhom jissoktaw japplikaw il-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness II(ċ) u (d) mar-Regolament (KEE) Nru 1274/91 li kienu japplikaw qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sad-dati speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/7/KE.

(12) Il-Kumitat ta'Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1274/91 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(5) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Kull kontenitur għandu jkun identifikat bl-isem u l-indirizz jew in-numru rreġistrat ta' l-istabbiliment produttur, bil-jum jew il-perjodu taż-żmien ta' l-għemil tal-bajd u bid-data tad-dispaċċ qabel iħalli l-post tal-produzzjoni.

Fil-każ taċ-ċentri ta' l-imballaġġ forniti mill-unitajiet tal-produzzjoni tagħhom stess li jinsabu fuq l-istess sit mal-bajd li ma jkunx fil-kontenituri, l-identifikazzjoni għandha ssir fiċ-ċentru ta' l-imballaġġ.

Meta bajd mhux iggradat jgħaddi mill-ewwel ċentru ta' l-ippakkjar għal ċentri oħra ta' l-imballaġġ f'kontenituri differenti, kull kontenitur għandu jkun identifikat b'dan it-tagħrif qabel iħalli ċ-ċentru ta' l-imballaġġ.

Meta l-perjodu taż-żmien tal-bidien ikun indikat, il-mod ta' meta tiġi stabbilita d-data tat-tul minimu taż-żmien li fih jibqa' tajjeb u tal-jum rakkomandat sakemm għandu jinbigħ skond l-Artikolu 14(1a) u l-Artikolu 16(2) rispettivament għandu jkun dak li jibda mill-ewwel jum ta' dan il-perjodu taż-żmien."

[1] ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.

2. Il-punt (a) ta' l-Artikolu 3(3) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(a) it-tagħmir xieraq fejn il-bajd jiddawwal bix-xemgħa, imħaddem bl-idejn mingħajr waqfien tul iż-żmien kollu u li jippermetti li tiġi eżaminata l-kwalità ta' kull bajda separatament. Meta l-użu jsir minn magna awtomatika sabiex il-bajd jiddawwal bix-xemgħa, jingħabar u jiġi ggradat, it-tagħmir għandu jinkludi lampa indipendenti li ddawwal bix-xemgħa. Fil-każ tas-sistemi li jaħdmu bl-awtomazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tiddispensa mit-tħaddim bl-idejn mingħajr waqfien tal-magna;"

3. L-Artikolu 8(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Fuq il-pakketti il-gradazzjoni skond il-piż għandha tiġi indikata bl-ittri rispettivi jew bl-espressjonijiet rispettivi kif iddefinit fil-paragrafu 1 jew bit-taħlita tat-tnejn, li jistgħu jkunu ssupplimentati bil-firxiet tar-rati korrispondenti tal-piż. Ma għandha tintgħamel l-ebda subdiviżjoni tal-firxiet tar-rati tal-piż riferiti fil-paragrafu 1 bl-użu tal-kuluri, tas-simboli, tal-marki tal-fabbrika jew ta' indikazzjonijiet oħra."

4. L-Artikolu 12(4) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"4. Id-deroga riferita fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 tapplika fil-każ tal-kwantitajiet ta' kuljum ta' inqas minn 3600 bajda f'kull kunsinna u ta' inqas minn 360 bajda lil kull xerrej. L-isem, l-indirizz u n-numru taċ-ċentru ta' l-ippakkjar kif ukoll in-numru tal-bajd, il-kwalità u l-gradi tal-piż u d-data tat-tul minimu taż-żmien li fih jibqa' tajjeb għandhom jiġu indikati fuq id-dokumenti li jakkumpanjawhom."

5. Il-paragrafu 1a li ġej jiddaħħal fl-Artikolu 14:

"1a. Id-data tat-tul minimu taż-żmien li fih jibqa' tajjeb għandha tkun id-data ta' sakemm il-bajd tal-Grad 'A' irid iżomm il-karatteristiċi deskritti fl-Artikolu 5(1) meta maħżun kif xieraq. Din id-data għandha tiġi ffissata f'mhux iktar minn 28 jum wara l-bidien."

6. L-Artikolu 16(2) jiġi mibdul bit-test li ġej:

"2. Id-data ta' sakemm jista' jinbigħ ma għandhiex taqbeż it-tul massimu taż-żmien li fih jibqa' tajjeb sabiex il-bajd jiġi kkunsinnat lill-konsumatur fi żmien 21 jum wara li jkun tbid kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/371/KE (*).

(*) ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 34."

7. L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Sabiex jiġi indikat il-metodu tal-biedja riferit fl-Artikolu 7 u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 bl-eċċezzjoni tal-biedja organika jew bijoloġika riferiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 (*), dwar il-bajd u l-pakketti li jkun fihom il-bajd, ma tista' tintuża l-ebda espressjoni oħra għajr dawk stabbiliti hawn taħt u l-espressjonijiet korrispondenti fl-ilsna l-oħra tal-Komunità elenkati fl-Anness II u, f'kull każ, biss jekk jitwettqu l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness III:

Fuq il-pakketti	*Fuq il-bajd*
Bajd tat-tiġieġ imrobbija fil-beraħ	Tal-beraħ
Bajd tat-tiġieġ imrobbi fuq l-art	Ta' l-art
Bajd tat-tiġieġ fil-batteriji ta' gaġeġ	Tal-gaġġa

Dawn l-espressjonijiet jistgħu jiġu ssupplimentati bl-indikazzjonijiet li jirreferu għall-karatteristiċi partikolari tal-metodu tal-biedja rispettiv.

L-espressjonijiet dwar il-bajd jistgħu jinbidlu b'kodiċi li jinnomina n-numru ta' distinzjoni tal-produttur li jippermetti li jiġi identifikat il-metodu tal-biedja sakemm it-tifsira tal-kodiċi jkun spjegat fuq il-pakkett.

Fil-każ ta' bejgħ bil-waħda, l-indikazzjonijiet tal-metodu tal-biedja jista' jintuża biss jekk il-bajd individwali jkun immarkat fuq ir-razzett jew fiċ-ċentru tal-pakkjar bl-espressjonijiet rispettivi jew bil-kodiċi tal-produttur, jekk dan ta' l-aħħar jippermetti li jidentifika l-metodu tal-biedja, sakemm it-tifsira tiegħu tkun spjegata fuq sinjal separat.

Meta l-Istati Membri jkunu attribwew in-numru ta' distinzjoni riferit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE (**) lill-istabbilimenti produtturi koperti b'din id-Direttiva l-ebda kodiċi ieħor ma għandu jintuża.

Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jattribwixxi numri ta' distinzjoni għall-istabbilimenti li ma jaqgħux taħt l-iskop tad-Direttiva 1999/74//KE wkoll, ma għandu jintuża l-ebda kodiċi ieħor.

(*) ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
(**) ĠU L 203, tat-3.8.1999, p. 53."

(b) Fil-paragrafu 2, il-frażi introduttorja ta' l-ewwel subparagrafu tiġi mibdula b'dan li ġej:

"2. Iċ-ċentri ta' l-ippakkjar awtorizzati li jużaw l-espressjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 għandhom iżommu reġistru separat skond il-metodu tal-biedja għal mill-inqas sitt xhur wara li l-produttur jieqaf milli jforni l-bajd jew wara li titneħħa l-ġemgħa tat-tiġieġ:"

(ċ) Il-paragrafu 4 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"4. Il-bajd riferit fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkunsinnat fiċ-ċentri ta'l-ippakkjar u fl-impriżi ta' l-industrija ta' l-ikel approvati skond id-Direttiva 89/437/KEE fil-konteni turi li jġorru waħda mill-espressjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 f'ilsien jew aktar tal-Komunità. Il-konteni turi għandhom jiġu identifikati bl-isem u l-indirizz jew in-numru rreġistrat tal-produttur, bit-tip tal-bajd, bin-numru jew il-piż tal-bajd u bid-data tad-dispaċċ qabel iħallu l-post tal-produzzjoni. Id-data tal-kunsinna u r-reġistrazzjonijiet tat-tagħrif kollu dwar il-konteni turi, u tal-ħażniet fiżiċi fuq il-bażi ta' kull ġimgħa, għandhom jinżammu fiċ-ċentru ta' l-ippakkjar u fl-istabbiliment ta' l-industrija ta' l-ikel għall-perjodu taż-żmien ta' mill-inqas sitt xhur."

(d) Il-paragrafu 6 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"6. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ riferiti fil-paragrafu 2 għandhom iżommu reġistri separati tal-gradazzjoni ta' kuljum rigward il-kwalità u l-piż u tal-bejgħ tal-bajd u tal-pakketti ż-żgħar immarkati skond il-paragrafu 1 li jinkludi l-isem u l-indirizz tax-xerrej, in-numru ta' pakketti, in-numru u/jew il-piż tal-bajd mibjugħ bil-grad tal-piż u d-data tal-kunsinna kif ukoll tal-ħażniet fiżiċi fuq il-bażi ta' kull ġimgħa. Minflok ma jinżammu r-reġistri tal-bejgħ, dawn għandhom, madankollu, iżommu dokumenti bil-fatturi jew bin-noti tal-kunsinna mmarkati kif indikat fil-paragrafu 1. Dawn ir-reġistri u dokumenti għandhom jinżammu għal mill-inqas sitt xhur."

(e) Fil-paragrafu 6a, il-frażi introduttorja ta' l-ewwel subparagrafu tiġi mibdula b'dan li ġej:

"6a. Il-kolletturi u l-bejjiegħa bl-ingrossa huma meħtieġa li jżommu reġistri dwar it-transazzjonijiet tal-bejgħ u r-reġistri tal-ħażna fiżika tal-bajd riferiti fil-paragrafu 1(a) u (b), għall-perjodu taż-żmien ta' mill-inqas sitt xhur."

(f) Il-paragrafu 7a jiġi mibdul b'dan li ġej:

"7a. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa 6a ma japplikawx meta jiġu użati l-espressjonijiet riferiti fil-paragrafu 1(ċ)."

(g) Jiddaħħal il-paragrafu 7 li ġej:

"7b. Il-pakketti li jkun fihom il-bajd iddestinat għall-impriżi ta' l-industrija ta' l-ikel approvati skond id-Direttiva 89/437/KEE għandhom ikunu mmarkati bl-indikazzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 sakemm il-bajd ikun prodott fl-istabbilimenti tat-tjur li jilħqu l-ħtiġiet rispettivi stabbiliti fl-Anness II u li jiġu applikati l-miżuri tal-monitorjar riferiti fil-paragrafi 2 sa 6."

8. L-Artikolu 18a (1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-karattru kunfidenzjali tat-tagħrif mogħti skond l-Artikolu 17, l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 18ċ(1) u l-Artikolu 19(2) safejn u sakemm jirrigwarda l-persuni naturali."

9. L-Artikolu 18b jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 18b

Is-sorveljenza ta' l-indikazzjonijiet tal-metodu tal-biedja wżat riferit fl-Artikolu 18(1), inklużi l-indikazzjonijiet rigward il-karatteristiċi partikolari tal-metodu tal-biedja rispettiv u ta' l-indikazzjonijiet dwar kif jingħalfu t-tiġieġ tal-bajd riferiti fl-Artikolu 18ċ, jistgħu jiġu ddelegati lil korpi nnominati mill-Istati Membri li jipprovdu l-indipendenza meħtieġa *vis-á-vis* il-produtturi interessati u li għandhom jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fin-Norma Ewropea Nru EN/45011 fis-seħħ.

Dawn il-korpi għandhom jingħataw il-liċenzja u jiġu ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru interessat.

L-ispejjeż tal-kontrolli imposti minn dawn il-korpi għandhom jiġu mħallsa mill-operatur li juża l-indikazzjonijiet riferiti hawn fuq."

10. Jiddaħħal l-Artikolu 18ċ li ġej:

"L-Artikolu 18ċ

Meta l-bajd tal-Grad A u l-pakketti li jġorru indikazzjoni dwar kif jingħalef it-tiġieġ tal-bajd, għandhom jiġu applikati l-kondizzjonijiet li ġejjin u dawk stabbiliti fl-Anness IV:

1. iċ-ċentri ta' l-imballaġġ li jagħmlu użu minn dawn l-indikazzjonijiet għandhom iżommu reġistru ddettaljat tal-kunsinni, li juru l-isem u l-indirizz jew in-numru rreġistrat tal-produttur, in-numru jew il-piż tal-bajd u d-data tal-kunsinna. Il-produttur għandu jżomm reġistru korrenti tal-kwantità u t-tip ta' l-għalf fornit u mħallat fuq fil-post, id-data ta' l-forniment u l-isem tal-fabbrikant jew tal-fornitur, in-numru u l-għomor tat-tiġieġ tal-bajd, kif ukoll juri n-numru tal-bajd prodott u kkunsinnat, id-data tad-dispaċċ, u l-ismijiet tax-xerrej.

   Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-inqas sitt xhur wara li l-produttur jieqaf milli jforni l-bajd jew wara li titneħħa l-ġemgħa tat-tiġieġ;

2. il-fabbrikanti u l-fornituri ta' l-għalf għandhom iżommu reġistri li juru l-kompożizzjoni ta' l-għalf mogħti lill-produtturi riferiti fil-paragrafu 1 għal millinqas sitt xhur wara d-dispaċċ;

3. iċ-ċentri tal-pakkjar riferiti fil-paragrafu 1 għandhom iżommu reġistri separati rigward il-gradazzjoni ta' kuljum tal-kwalità u l-piż u l-bejgħ tal-pakketti ż-żgħar u tal-bajd immarkat bl-espressjonijiet riferiti fil-paragrafu 1, li jinkludu l-isem u l-indirizz tax-xerrej, in-numru jew il-piż tal-bajd mibjugħ u d-data tal-kunsinna, kif ukoll il-ħażniet fiżiċi fuq il-bażi ta' kull ġimgħa għall-perjodu taż-żmien ta' mill-inqas sitt xhur.

   Minflok ma jżommu r-reġistri tal-bejgħ, dawn jistgħu, madankollu, iżommu dokumenti bil-fatturi jew bin-noti tal-kunsinna li jġorru magħhom l-indikazzjonijiet dwar kif jingħalef it-tiġieġ tal-bajd;

4. il-pakketti l-kbar li jkun fihom il-bajd jew il-pakketti ż-żgħar immarkati bl-indikazzjoni dwar kif jingħalef it-tiġieġ tal-bajd għandhom iġorru l-istess indikazzjonijiet. Fil-każ tal-bejgħ tal-bajd bil-waħda, l-indikazzjonijiet jistgħu jintużaw jekk il-bajd individwali jiġi mmarkat bl-espressjonijiet rispettivi;

5. l-ispezzjonijiet rigward il-konformità mad-dikjarazzjonijiet magħmula għandhom jitwettqu fir-razzett u mill-fabbrikant ta' l-għalf mill-inqas darba fis-sena;

6. id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-miżuri tekniċi nazzjonali li jmorru lil hinn mill-ħtiġiet minimi ddikjarati fl-Anness IV, li japplikaw biss għall-produtturi ta' l-Istat Membru interessat, sakemm ikunu kompatibbli mal-liġijiet Komunitarji u jikkonformaw ma' l-istandards komuni tal-*marketing* tal-bajd;

7. il-miżuri nazzjonali riferiti fil-paragrafu 6 għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni;

8. f'kull ħin u fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex issir l-istima tal-kompatibbiltà tal-miżuri riferiti f'dan l-Artikolu mal-liġijiet Komunitarji u l-konformità tagħhom ma' l-istandardskomunital-*marketing* tal-bajd."

11. L-Artikolu 19(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ li jagħmlu użu mill-espressjonijiet u/jew is-simboli riferiti fil-paragrafu 1 għandhom iżommu reġistru ddettaljat tal-kunsinni skond l-oriġini, li juru l-isem u l-indirizz jew in-numru rreġistrat tal-produttur, in-numru jew il-piż tal-bajd u d-data ta' kunsinna. Il-produttur għandu jżomm reġistri korrenti tan-numru u l-għomor tat-tiġieġ tal-bajd, li juru wkoll in-numru tal-bajd prodott u kkunsinnat, id-data tad-dispaċċ, u l-ismijiet tax-xerrej. Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-inqas sitt xhur wara li l-produttur jieqaf milli jforni l-bajd jew wara li titneħħa l-ġemgħa."

12. L-Artikolu 19(3) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ riferiti fil-paragrafu 2 għandhom iżommu reġistri separati tal-gradazzjoni ta' kuljum tal-kwalità u l-piż u tal-bejgħ tal-pakketti ż-żgħar u tal-bajd immarkat bl-espressjonijiet u/jew is-simboli riferiti fil-paragrafu 1, li jinkludu l-isem u l-indirizz tax-xerrej, in-numru jew il-piż tal-bajd mibjugħ u d-data tal-kunsinna, kif ukoll tal-ħażniet fiżiċi fuq il-bażi ta' kull ġimgħa għal mill-inqas sitt xhur. Minflok ma jżommu r-reġistri, dawn jistgħu, madankollu, iżommu dokumenti bil-fatturi jew bin-noti tal-kunsinni mmarkati kif indikat fil-paragrafu 1."

13. It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 20(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— kull sena, qabel l-1 ta' April, in-numru medju tat-tiġieġ tal-bajd preżenti [1], in-numru jew il-piż tal-bajd ikkunsinnat kif irreġistrat skond l-Artikolu 18(2) u (7)(b) kif ukoll in-numru jew il-piż tal-bajd mibjugħ kif irreġistrat skond l-Artikolu 18(6), fis-sena kalendarja ta' qabel."

14. L-Artikolu 28 jiġi mħassar.

15. Fl-Anness I, 1. Id-data tat-tul minimu taż-żmien li fih jibqa' tajjeb, l-espressjoni "Cons. de pref. antes de" tiġi mibdula bi "Cons. pref."

16. L-Anness II jiġi mibdul bit-test ta' l-Anness I ma' dan ir-Regolament.

17. It-test fl-Annessi II u III ma' dan ir-Regolament jiġi miżjud bħala l-Annessi III u IV.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 1 għandu japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2002. Ir-regoli li kienu japplikaw qabel l-1 ta' Lulju 2001 dwar l-indikazzjonijiet ta' kif jintgħalef it-tiġieġ tal-bajd għandhom jibqgħu fis-seħħ sa l-31 ta' Diċembru 2001.

Sad-dati speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/74/KE riferiti fl-Anness II ma' dan ir-Regolament, il-ħtiġiet minimi riferiti fl-Anness II(ċ) u (d) mar-Regolament (KEE) Nru 1274/91 li kienu japplikaw qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Reolament jissoktaw japplikaw fil-każ fejn sistemi oħra tal-produzzjoni għajr dawk mibnija ġodda jew mibnija mill-ġdid ikunu għadhom ma ddaħħlux għalbiex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Awwissu 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS II

L-espressjonijiet sabiex jiġu indikati t-tipi tal-biedja tal-bajd (a): fuq il-pakketti; (b) fuq il-bajd

Il-Kodiċi		1	2	3
EN	(a)	Free-range eggs	Barn eggs	Eggs from caged hens
	(b)	Free-range	Barn	Cage
FR	(a)	Œufs de poules élevées en plein air	Œufs de poules élevées au sol	Œufs de poules élevées en cage
	(b)	Plein air	Poules au sol	Cage
DE	(a)	Eier aus Freilandhaltung	Eier aus Bodenhaltung	Eier aus Käfighaltung
	(b)	Freiland	Boden	Käfig
IT	(a)	Uova da allevamento all'aperto	Uova da allevamento a terra	Uova da allevamento in gabbie
	(b)	Aperto	A terra	Gabbia
NL	(a)	Eieren van hennen met vrije	Scharreleieren	Kooieieren
	(b)	Vrije uitloop	Scharrel	Kooi
DA	(a)	Frilandsæg	Skrabeæg	Buræg
	(b)	Frilandsæg	Skrabeæg	Buræg
ES	(a)	Huevos de gallinas camperas	Huevos de gallinas criadas en el suelo	Huevos de gallinas criadas en
	(b)	Camperas	Suelo	Jaulas
PT	(a)	Ovos de galinhas criadas ao ar	Ovos de galinhas criadas no	Ovos de galinhas criadas em
	(b)	Ar livre	Solo	Jaulas
	(b)	Ar livre	Solo	Gaiolas
FI	(a)	Ulkokanojen munia	Lattiakanojen munia	Häkkikanojen munia
	(b)	Ulkokanan	Lattiakanan	Häkkikanan
SV	(a)	Ägg från utehöns	Ägg från frigående höns inomhus	Ägg från burhöns
	(b)	Frigående (alt. Frig.) ute	Frigående (alt. Frig.)inne	Burägg
EL	(α)	Αυγά ελεύθερης βοσκής	Αυγά δαπέδου με στρωμνή	Αυγά κλωβοστοιχίας
	(β)	Ελεύθερης βοσκής	Δαπέδου με στρωμνή	Κλωβοστοιχία"

ANNESS II

"ANNESS III

Il-ħtiġiet minimi li jridu jintlaħqu mill-istabbilimenti tat-tjur rigward il-metodi varji tal-biedja tal-bajd

(a) "Il-bajd tat-tiġieġ imrobbi fil-beraħ" għandu jkun prodotti fl-istabbilimenti tat-tjur li jissodisfaw mill-inqas il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/74/KE b'effett mid-dati riferiti f'dan l-Artikolu u li fih:

— it-tiġieġ ikollhom aċċess matul il-jum għal ġallinari fil-beraħ, għajr fil-każ ta' restrizzjonijiet temporanji imposti mill-awtoritajiet veterinarji,

— il-gallinari għall-beraħ li għalihom it-tiġieġ ikollhom aċċess ikunu miksija bil-ħaxix u ma jkunu wżati għall-ebda skop ieħor għajr bħala ġonna tal-frott, imsaġar u mergħat tal-bhejjem jekk dawn ta' l-aħħar ikunu awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-gallinari fil-beraħ għandhom mill-inqas jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4(1)(3)(b)(ii) tad-Direttiva 1999/74/KE fejn id-densità massima tal-ħażna ma tkunx akbar minn 2 500 tiġieġa għal kull ettaru ta' art disponibbli għat-tiġieġ jew tiġieġa għal kull 4 m^2 fil-ħinijiet kollha u l-gallinari ma jestendux lil hemm minn raġġ ta' 150 m mill-eqreb post tal-ħruġ mill-gallinar; hija permessa estensjoni iktar minn 350 m mill-eqreb post tal-ħruġ sakemm numru biżżejjed u ta' misqiet fit-tifsira ta' din id-dispożizzjoni jkunu mqassma mal-gallinar kollu fil-beraħ għal mill-inqas erba' kennijiet għal kull ettaru.

(b) "Il-Bajd tat-tiġieġ imrobbi fl-art" irid ikun prodott fl-istabbilimenti tat-tjur li jissodisfaw mill-inqas il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/74/KE b'effett mid-dati riferiti f'dan l-Artikolu.

(ċ) "Il-bajd tat-tiġieġ fil-gaġeġ" għandu jkun prodott fl-istabbilimenti tat-tjur li jissodisfaw mill-inqas:

— il-kondizzjonijiet speċifikati fid-Direttiva 88/166/KEE sal-31.12.2002,

— il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/74/KE mill-1.1.2003 sal-31.12.2011, jew

— il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 1999/74/KE mill-1.1.2002."

ANNESS III

"ANNESS IV

Tista' ssir referenza għall-ingredjenti ta' l-għalf partikolari li ġejjin biss meta:

fil-każ taċ-ċereali, dawn jammontaw għal mill-inqas 60 % skond il-piż tal-formola ta' l-għalf mogħtija li tista' tinkludi mhux iktar minn 15 % tal-prodotti sekondarji taċ-ċereali; madankollu, fejn issir referenza għal ċereali speċifiċi, kull wieħed għandu jammonta għal mill-inqas 30 % tal-formola ta' l-għalf użat fil-każ ta' ċereali wieħed imsemmi u ta' mill-inqas 5 % ta' numru taċ-ċereali msemmija."
